# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 293

Volum 57

Edizzjoni bil-Malti

## Informazzjoni u Avviżi

2 ta' Settembru 2014


Werrej


I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RAKKOMANDAZZJONIJIET

**Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku**

2014/C 293/01 Rakkomandazzjoni tal-Bord Ewropew dwar Ir-Riskju Sistemiku tat-18 ta' Ġunju 2014 dwar gwida għall-iffissar tar-rati tar-riżerva kontroċiklika (BERS/2014/1) ........ 1

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2014/C 293/02 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ M.7331 — Constellium / Tri-Arrows Aluminum Holding / Quiver Ventures) ([1]) ........ 11

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2014/C 293/03 Rata tal-kambju tal-euro ........ 12


MT

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

V *Avviżi*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

**Il-Parlament Ewropew**


2014/C 293/04 Sejħa għan-nominazzjonijiet għall-elezzjoni tal-Ombudsman Ewropew ........ 13


PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2014/C 293/05 Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.7299 — COFCO/Nidera) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata (1) ........ 14

2014/C 293/06 Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.7371 — Nordic Capital/Lindorff) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata (1) ........ 15

2014/C 293/07 Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.7351 — Henkel / Spotless Group) (1) ........ 16

2014/C 293/08 Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.7386 — KKR / Riverstone / Trinity) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata (1) ........ 17


(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

## RAKKOMANDAZZJONIJIET

# BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU

**tat-18 ta' Ġunju 2014**

**dwar gwida għall-iffissar tar-rati tar-riżerva kontroċiklika**

**(BERS/2014/1)**

(2014/C 293/01)

IL-BORD ĠENERALI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 135 tagħha,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali fl-Unjoni Ewropea tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2)(b), (d) u (f) u l-Artikoli 16 sa 18 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni BERS/2011/1 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-20 ta' Jannar 2011 li tadotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku [3], u b'mod partikolari l-Artikoli 15(3)(e) u l-Artikoli 18 sa 20 tagħha,

Billi:

(1) L-amplifikazzjoni proċiklika ta' xokkijiet finanzjarji għall-ekonomija reali permezz tas-sistema bankarja u s-swieq finanzjarji kienet wieħed mill-elementi l-aktar distabilizzanti tal-kriżi finanzjarja globali. Tnaqqis ekonomiku wara perjodu ta' tkabbir eċċessiv tal-kreditu jista' jwassal għal telf kbir fis-settur bankarju u jagħti bidu għal ċirku vizzjuż. F'din is-sitwazzjoni, il-passi meħuda minn istituzzjonijiet ta' kreditu biex isaħħu l-karti tal-bilanċ tagħhom jistgħu jillimitaw il-provvista ta' kreditu lill-ekonomija reali, biex b'hekk jiġi aggravat it-tnaqqis ekonomiku u jkomplu jiddgħajfu l-karti tal-bilanċ tagħhom. Din l-amplifikazzjoni proċiklika ta' xokkijiet tenfasizza l-importanza li jinbena kapital addizzjonali fis-settur bankarju f'perjodi meta r-riskji ta' stress mifrux mas-sistema kollha jkunu qegħdin jikbru. Riżerva ta' kapital addizzjonali ta' dan it-tip għandha tgħin lis-settur bankarju biex jassorbi telf mhux mistenni waqt li tkompli tipprovdi kreditu lill-ekonomija reali.

(2) Ittieħdu miżuri biex il-banek isiru aktar reżiljenti għad-dinamiċi proċikliċi. F'Diċembru 2010 il-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja (Basel Committee on Banking Supervision — BCBS) ippubblika għadd ta' miżuri biex tissaħħaħ ir-regolamentazzjoni tas-settur bankarju. Waħda minn dawn il-miżuri, li dwarha l-BCBS ipprovda gwida lill-awtoritajiet nazzjonali, tikkonċerna r-riżerva ta' kapital kontroċiklika. Il-gwida tal-BCBS ġiet implimentata fl-Unjoni Ewropea bid-Direttiva 2013/36/UE.

[1] ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338
[2] ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1.
[3] ĠU C 58, 24.2.2011, p. 4.

(3) Ir-reġim ta' riżerva kapitali kontroċiklika taħt id-Direttiva 2013/36/UE isegwi l-prinċipju ta' "diskrezzjoni ggwidata". Skont dan il-prinċipju, l-awtoritajiet responsabbli għall-iffissar tar-rata ta' riżerva jikkombinaw approċċ ibbażat fuq regoli mal-eżerċitar tas-setgħat diskrezzjonarji tagħhom meta jiddeċiedu dwar ir-rata ta' riżerva xierqa. Għaldaqstant, huma meħtieġa jippubblikaw gwida tar-riżerva fuq bażi trimestrali bħala punt ta' referenza, iżda huma mħeġġa jeżerċitaw il-ġudizzju tagħhom meta jiffissaw ir-rata ta' riżerva.

(4) L-awtoritajiet nazzjonali nnominati u l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) (għal Stati Membri li jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku) huma assenjati responsabbiltajiet għall-iffissar ta' rati tar-riżerva kontroċiklika. Id-Direttiva 2013/36/UE teħtieġ li kull Stat Membru jinnomina awtorità pubblika jew korp pubbliku sabiex jiffissaw ir-rata ta' riżerva kontroċiklika għal dak l-Istat Membru. Barra minn hekk, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu [1] jassenja kompiti superviżorji speċifiċi lill-BĊE. B'mod partikolari, jekk jidhirlu li huwa neċessarju, il-BĊE jista' japplika rekwiżiti ogħla għal riżervi ta' kapital kontroċikliċi minn dawk applikati mill-awtoritajiet nazzjonali nnominati. Għal dan l-iskop esklużiv, il-BĊE huwa meqjus, kif xieraq, bħala l-awtorità nnominata u għandu s-setgħat u l-obbligi kollha, li l-awtoritajiet innominati għandhom taħt il-liġi tal-Unjoni relevanti. Madankollu, tipikament huma l-awtoritajiet nazzjonali nnominati li jkunu responsabbli biex jippubblikaw ir-rati tar-riżerva kontroċiklika.

(5) Id-Direttiva 2013/36/UE tistabbilixxi li l-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) jista' jadotta rakkomandazzjonijiet li jagħtu gwida lil awtoritajiet innominati dwar l-iffissar tar-rati tar-riżerva kontroċiklika. B'mod partikolari, il-BERS jista' jagħti pariri dwar il-prinċipji li għandhom jiggwidaw lill-awtoritajiet innominati biex jagħmlu l-ġudizzji tagħhom dwar ir-rati tar-riżerva xierqa u jipprovdi gwida dwar il-kejl u l-kalkolu tad-distakk bejn il-kreditu u l-PDG u l-kalkolu tal-gwida ta' riżerva. Barra minn hekk, il-BERS jista' jipprovdi gwida dwar il-varjabbli li jindikaw l-akkumulazzjoni ta' riskju mifrux mas-sistema kollha b'perjodi ta' tkabbir eċċessiv tal-kreditu fis-sistema finanzjarja u dwar il-varjabbli li jindikaw li r-riżerva għandha tinżamm, titnaqqas jew tiġi rilaxxata għal kollox.

(6) Ir-riżerva tal-kapital kontroċiklika hija ddisinnjata biex tgħin tikkumbatti l-proċikliċità fis-sistema finanzjarja. Il-kapital għandu jiġi akkumulat meta r-riskju sistemiku ċikliku jiġi ġġudikat li qiegħed jiżdied, biex b'hekk jinħolqu riżervi li jżidu r-reżiljenza tas-settur bankarju matul perjodi ta' stress meta jimmaterjalizza t-telf. Dan jgħin biex tinżamm il-provvista tal-kreditu u tittaffa l-fażi negattiva taċ-ċiklu finanzjarju. Ir-riżerva ta' kapital kontroċiklika tista' tgħin ukoll biex trażżan it-tkabbir eċċessiv tal-kreditu matul il-fażi pożittiva taċ-ċiklu finanzjarju.

(7) Il-gwida tar-riżerva mhijiex maħsuba li tagħti lok għal iffissar awtomatiku tar-riżerva jew biex torbot lill-awtorità nnominata. L-analiżi mill-BCBS turi li, waqt li d-distakk bejn il-kreditu u l-PDG huwa punt ta' tluq utli biex jiggwida d-deċiżjonijiet dwar rati tar-riżerva kontroċiklika, il-prestazzjoni tiegħu tista' tvarja bejn pajjiż u ieħor u minn żmien għal żmien. Minħabba l-eteroġeneità u n-natura dinamika tas-sistemi finanzjarji, il-karatteristiċi speċifiċi tal-ekonomiji nazzjonali u d-differenzi materjali fid-disponibbiltà tad-dejta fl-Unjoni Ewropea, l-awtoritajiet innominati għandhom iqisu firxa ta' informazzjoni meta jevalwaw il-livell ta' riskju mifrux mas-sistema kollha u jiffissaw ir-rata tar-riżerva b'mod xieraq. Din l-informazzjoni għandha tinkludi indikaturi addizzjonali li jissenjalaw l-akkumulazzjoni ta' riskju mifrux mas-sistema kollha b'perjodi ta' tkabbir eċċessiv tal-kreditu, mandati għall-grad ta' intermedjazzjoni fl-ekonomija bħal-livell tal-proporzjon ta' kreditu għall-PDG u informazzjoni kwalitattiva. L-informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva użata għal din il-valutazzjoni, inkluża l-gwida tar-riżerva u l-indikaturi addizzjonali, tifforma l-bażi biex jiġu spjegati u ġġustifikati deċiżjonijiet dwar rati tar-riżerva.

(8) L-analiżi mill-BCBS turi li d-distakk bejn il-kreditu u l-PDG u indikaturi oħrajn jista'xi kultant jikkomunika informazzjoni li tagħti impressjoni żbaljata. L-awtoritajiet innominati għandhom ikunu konxji minn dan meta jeżerċitaw il-ġudizzju tagħhom dwar il-livell sostenibbli ta' kreditu fl-ekonomija u r-rata xierqa tar-riżerva kontroċiklika. L-awtoritajiet innominati b'hekk għandhom jirrivalutaw perjodikament il-prestazzjoni tal-indikaturi li jagħtuhom l-aktar importanza.

[1] ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63.

(9) Meta r-riskji jimmaterjalizzaw, ir-rilaxx fil-pront tar-riżerva tal-kapital kontroċiklika tista' tgħin l-istituzzjonijiet ta' kreditu jassorbu t-telf filwaqt li jinżammu s-self lill-ekonomija reali u l-konformità mar-rekwiżiti tal-kapital regolatorju. Dan l-użu kontroċikliku tar-riżerva jista' jtaffi l-imġieba proċiklika ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li jista' b'xi mod ieħor jillimita l-provvista ta' kreditu lill-ekonomija reali. Ir-riżerva tal-kapital kontroċikliku tista' tiġi rilaxxata aktar bil-mod meta l-fażi negattiva taċ-ċiklu finanzjarju ma taħbatx mas-seħħ ta' riskji u meta t-theddid għar-reżiljenza tal-istituzzjonijiet ta' kreditu minn tkabbir eċċessiv tal-kreditu jkun batta. Id-deċiżjonijiet dwar l-użu ta' kull eċċess kapitali li jinħolqu mir-rilaxx tar-riżerva huma għad-diskrezzjoni tal-awtoritajiet kompetenti jew innominati.

(10) Huwa importanti għall-awtorità li tiffissa r-rata tar-riżerva kontroċiklika biex ikollha strateġija ta' komunikazzjoni tajba. Dan jgħin fil-ġestjoni tal-aspettattiva pubblika, jiżvolġi rwol importanti fil-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet innominati, u huwa essenzjali għall-kredibilità, il-kontabilità u l-effettività tal-politika makroprudenzjali. Id-Direttiva 2013/36/UE teħtieġ li l-awtoritajiet innominati jieħdu l-passi kollha raġonevoli sabiex jikkoordinaw il-ħin meta jhabbru r-rati tar-riżerva.

(11) Il-bini ta' sistema bankarja aktar reżiljenti fl-Unjoni jeħtieġ li l-awtoritajiet innominati jirrikonoxxu r-rati tar-riżerva kontroċiklika ffissati mill-Istati Membri l-oħrajn. Id-Direttiva 2013/36/UE tistabbilixxi l-qafas għar-rikonoxximent tar-rati ta' riżerva ta' Stati Membri oħrajn għar-rikonoxximent jew l-iffissar tar-rati ta' riżerva għal pajjiżi terzi. Minbarra l-arranġamenti ta' reċiproċità obbligatorji, l-awtoritajiet innominati għandhom ġeneralment jirrikonoxxu r-rati ta' riżerva ffissati minn Stati Membri oħrajn. Mingħajr preġudizzju għal rakkomandazzjonijiet futuri tal-BERS, din ir-Rakkomandazzjoni ma tindirizzax l-azzjonijiet ta' awtoritajiet innominati fi ħdan l-Unjoni b'rabta ma' rati tar-riżerva kapitali kontroċiklika ta' pajjiżi terzi.

(12) Ir-riżerva tal-kapital kontroċiklika hija parti minn ġabra ta' strumenti makroprudenzjali. Ir-Rakkomandazzjoni BERS/2013/1 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-4 ta' April 2013 dwar l-għanijiet intermedji u l-istrumenti tal-politika makroprudenzjali ([1]) tagħti lista indikattiva ta' strumenti li l-Istati Membri jistgħu jassenjaw lil awtoritajiet makroprudenzjali. Bħala parti mill-istrateġija tal-politika makroprudenzjali tagħhom, l-awtoritajiet innominati għandhom jikkunsidraw meta għandhom jużaw ir-riżerva kapitali kontroċiklika b'mod iżolat, meta jużaw strumenti oħrajn, u meta jikkombinaw ir-riżerva kapitali kontroċiklika ma' strumenti oħrajn.

(13) Analiżi empirika tissuġġerixxi li d-distakk bejn il-kreditu u l-PDG huwa l-aħjar indikatur individwali għall-Unjoni fit-totalità tagħha għas-senjalazzjoni tal-akkumulazzjoni ta' riskji assoċjati mat-tip ta' kriżi li r-riżerva tal-kapital kontroċiklika hija ddisinjata biex ittaffi. Intwera li d-distakk bejn il-kreditu u l-PDG jagħti sinjal b'saħħtu fuq medda ta' speċifikazzjonijiet tad-distakk. Hemm ftit metodi għall-kalkolu tad-distakk li juru kwalitajiet ta' senjalazzjoni aħjar mill-metodu ta' kalkolu ssuġġerit fil-gwida tal-BCBS, iżda dawn għandhom tendenza li jkunu bbażati fuq aggregati ta' kreditu u b'hekk jistgħu jkunu inqas robusti fil-konfront tal-innovazzjoni finanzjarja. Il-kejl u l-kalkolu tad-distakk bejn il-kreditu u l-PDG u r-rata ta' referenza tar-riżerva b'mod konformi mal-gwida tal-BCBS ser iżidu l-kumparabbiltà fi ħdan l-Unjoni u lil hinn minnha.

(14) F'xi Stati Membri, il-kejl u l-kalkolu ssuġġeriti fil-gwida tal-BCBS jistgħu jirriżultaw f'distakk bejn kreditu u PDG li ma jaħdimx sew fis-senjalazzjoni tal-akkumulazzjoni ta' riskji li jippreċedu kriżijiet finanzjarji. Il-karatteristiċi speċifiċi nazzjonali bħal differenzi fl-istruttura u l-grad tal-iżvilupp tas-sistema finanzjarja, u fil-kwalità u d-disponibbiltà tad-dejta tal-kreditu, ifissru li għal xi Stati Membri xi metodu ieħor għall-kalkolu tad-distakk bejn il-kreditu u l-PDG minbarra dak mogħti fil-gwida tal-BCBS jista' jeżibixxi kwalitajiet ta' senjalazzjoni aktar b'saħħithom. Sabiex jitqiesu dawn id-differenzi u jingħata lok għal metodoloġiji oħrajn, l-awtoritajiet innominati jistgħu — barra minn hekk — ikejlu u jikkalkulaw id-distakk bejn il-kreditu u l-PDG bl-użu ta' metodu li jirrifletti aħjar il-karatteristiċi speċifiċi tal-Istat Membru rispettiv.

(15) Il-metodoloġija stipulata fil-gwida tal-BCBS għall-immappjar tad-distakk bejn il-kreditu u l-PDG għal rata ta' referenza tar-riżerva li sservi bħala l-gwida tar-riżerva hija metodoloġija *ad hoc*. L-analiżi empirika ta' metodoloġiji alternattivi, għalkemm promettenti, ma hijiex żviluppata b'mod suffiċjenti biex tipprovdi gwida. L-Istati Membri

([1]) ĠU C 170, 15.6.2013, p. 1.

li jkejlu u jikkalkukaw id-distakk bejn il-kreditu u l-PDG bl-użu ta' metodu alternattiv, minbarra l-metodoloġija ppubblikata fil-gwida tal-BCBS, għandhom jiżviluppaw u jippubblikaw rata ta' referenza tar-riżerva li tikkorrispondi għal dak il-metodu alternattiv minbarra r-rata ta' referenza tar-riżerva speċifikata fil-metodoloġija tal-BCBS. L-Istati Membri li jkejlu u jikkalkulaw id-distakk bejn il-kreditu u l-PDG b'mod konformi mal-gwida tal-BCBS jistgħu jiżviluppaw u jippubblikaw ukoll rata ta' referenza alternattiva għar-riżerva minbarra dik miksuba bl-użu tal-metodoloġija tal-BCBS.

(16) Riżultanzi empiriċi jissuġġerixxu li varjabbli oħrajn jistgħu jikkumplimentaw id-distakk bejn il-kreditu u l-PDG li jissenjala l-akkumulazzjoni ta' riskji mifruxa mas-sistema kollha relatati ma' tkabbir eċċessiv tal-kreditu fis-sistema finanzjarja. Dawn il-varjabbli jinkludu miżuri ta' sopravalutazzjoni potenzjali ta' prezzijiet tal-proprjetà (eż. proporzjonijiet bejn il-prezz u d-dħul minn proprjetà immobbli kummerċjali u residenzjali, distakki fil-prezzijiet u rati ta' tkabbir), miżuri ta' żviluppi tal-kreditu (eż. kreditu totali reali jew tkabbir reali tal-kreditu tal-banek, it-tendenza fid-devjazzjoni ta' M3 milquta b'diflazzjoni), miżuri ta' żbilanċi esterni (eż. bilanċi tal-kont kurrenti bħala proporzjon għall-PDG), miżuri tas-saħħa tal-karti tal-bilanċ tal-banek (eż. il-proporzjonijiet ta' ingranaġġ), miżuri tal-piż ta' dejn tas-settur privat (eż. il-proporzjon bejn is-servizzjar tad-dejn u d-dħul) u miżuri tal-potenzjal li r-riskju jiġi pprezzat b'mod żbaljat (eż. tkabbir reali tal-prezz tal-ekwità). L-awtoritajiet innominati għandhom iqisu dawn il-varjabbli meta jeżerċitaw il-ġudizzju tagħhom biex jiffissaw ir-rata xierqa tar-riżerva tal-kapital kontroċiklika. Instab li t-taħlit ta' dawn il-varjabbli mad-distakk bejn il-kreditu u l-PDG f'mudell multivarjat itejjeb il-prestazzjoni tas-senjalazzjoni. Jista' jkun li l-awtoritajiet innominati jkunu jridu jikkunsidraw ukoll dawn il-mudelli.

(17) Riżultanzi empiriċi jissuġġerixxu li, għall-maġġoranza tal-Istati Membri, il-prezzijiet tas-suq finanzjarju wrew l-aħjar kwalitajiet ta' senjalazzjoni biex jindikaw materjalizzazzjoni ta' riskji li jiġġustifikaw tnaqqis fil-pront jew rilaxx sħiħ tar-riżerva tal-kapital kontroċiklika. Id-disponibbiltà limitata ta' serje ta' ħin twil biżżejjed ta' dawn l-indikaturi bbażati fuq is-suq tfisser li l-analiżi empirika fil-fażi ta' rilaxx tar-riżerva hija inqas robusta minn dik tal-fażi tal-akkumulazzjoni. Huwa wkoll diffiċli biex jiġu identifikati varjabbli li jindikaw li r-riżerva kapitali kontroċiklika tista' titnaqqas gradwalment meta jbattu r-riskji minn tkabbir eċċessiv tal-kreditu. Fil-prinċipju, varjabbli li jaħdmu sew fil-fażi tal-akkumulazzjoni tar-riżerva tal-kapital kontroċiklika jistgħu jwasslu ukoll għad-deċiżjoni li r-riżerva għandha tinżamm, titnaqqas jew tiġi rilaxxata totalment. Dawn il-varjabbli jistgħu, madankollu, jipprovdu wkoll informazzjoni li tagħti impressjoni żbaljata. Pereżempju, id-distakk bejn il-kreditu u l-PDG jista' ma jirriflettix b'mod preċiż ir-riskji jekk il-kreditu jkun ilu jikber b'mod eċċessiv għal perjodu twil. Hekk kif jiżviluppaw ir-riċerka u l-esperjenza fil-fażi tar-rilaxx, is-sett ta' varjabbli indikati f'din ir-Rakkomandazzjoni jkollhom jiġu miżjuda b'indikaturi xierqa ulterjuri, hekk kif jiġu identifikati. Kollox ma' kollox, jeħtieġ li l-awtoritajiet innominati jeżerċitaw ġudizzju saħansitra akbar fil-fażi tar-rilaxx tar-riżerva milli matul il-fażi tal-akkumulazzjoni tagħha. Dan il-ġudizzju jista' jkun infurmat ukoll minn intelliġenza tas-suq, valutazzjonijiet superviżorji u testijiet tal-istress.

(18) Sakemm dik id-dejta tkun disponibbli fl-Istat Membru inkwistjoni, il-monitoraġġ u l-pubblikazzjoni ta' sett minimu ta' varjabbli li jissenjalaw li r-riżerva tal-kapital kontroċiklika għandha tinbena, tinżamm, titnaqqas jew tiġi rilaxxata totalment għandhom jippromwovu l-konsistenza u t-trasparenza min-naħa tal-awtoritajiet innominati. Dan ma għandux iżomm lill-awtoritajiet innominati milli jikkunsidraw indikaturi jew informazzjoni kwalitattiva ulterjuri fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi tal-Istat Membru, u lanqas ma għandu jżomm lill-awtoritajiet innominati milli jagħtu aktar importanza lil ċerti varjabbli milli lil oħrajn jew jagħtu aktar importanza lill-informazzjoni kwalitattiva.

(19) Ir-rakkomandazzjonijiet tal-BERS huma ppubblikati wara li l-Bord Ġenerali jinforma lill-Kunsill bl-intenzjoni tiegħu li jagħmel dan u jipprovdi lill-Kunsill b'opportunità biex jirreaġixxi.

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

## TAQSIMA 1

## RAKKOMANDAZZJONIJIET

### Rakkomandazzjoni A — Prinċipji

L-awtoritajiet innominati huma rrakkomandati li jaderixxu mal-prinċipji li ġejjin meta jivvalutaw u jiffissaw ir-rati tar-riżerva kontroċiklika xierqa applikabbli fl-Istat Membru rispettiv:

1. Prinċipju 1: (Objettiv) Id-deċiżjonijiet dwar ir-rata tar-riżerva kontroċiklika xierqa għandhom ikunu ggwidati mill-objettiv li tiġi mħarsa s-sistema bankarja kontra telf potenzjali assoċjat mal-akkumulazzjoni ta' riskju sistemiku ċikliku, sabiex b'hekk jiġi appoġġat il-forniment sostenibbli ta' kreditu għall-ekonomija reali fiċ-ċiklu finanzjarju kollu.

2. Prinċipju 2: (Gwida tar-riżerva) Id-devjazzjoni tal-proporzjon bejn il-kreditu u l-PDG mit-tendenza tiegħu fit-tul — id-distakk bejn il-kreditu u l-PDG — għandha sservi bħala punt ta' tluq komuni biex tiggwida deċiżjonijiet dwar rati ta' riżerva kontroċikliċi, b'mod partikolari fil-fażi tal-akkumulazzjoni. Madankollu, l-awtoritajiet innominati għandhom iqisu wkoll informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva oħra meta jivvalutaw riskju ċikliku mifrux mas-sistema kollha u jiffissaw ir-rata tar-riżerva kontroċiklika xierqa. Dan jinkludi informazzjoni li tirrifletti karatteristiċi speċifiċi nazzjonali. L-awtoritajiet innominati għandhom jispjegaw lill-pubbliku liema informazzjoni tintuża, u kif din tiġi kkunsidrata meta jiffissaw ir-rata tar-riżerva relevanti.

3. Prinċipju 3: (Riskju ta' informazzjoni li tagħti impressjoni żbaljata) L-awtoritajiet innominati għandhom jivvalutaw l-informazzjoni li tinsab fid-distakk bejn il-kreditu u l-PDG u kull varjabbli relevanti oħrajn jew mudelli li jikkombinaw varjabbli, waqt li jżommu f'moħħhom li l-informazzjoni li jipprovdu tista' tagħti impressjoni żbaljata. L-awtoritajiet innominati għandhom jikkunsidraw din il-valutazzjoni meta jeżerċitaw il-ġudizzju tagħhom fir-rigward tas-sostenibbiltà tat-tkabbir tal-kreditu sabiex jiffissaw ir-rata xierqa tar-riżerva kontroċiklika. L-utilità ta' dawn il-varjabbli u mudelli għandha tiġi vvalutata mill-ġdid perjodikament.

4. Prinċipju 4: (Rilaxx tar-riżerva) L-awtoritajiet innominati għandhom jirrilaxxaw fil-pront ir-riżerva tal-kapital kontroċiklika meta jimmaterjalizzaw ir-riskji. Dan jista' jtaffi l-imġiba proċiklika ta' istituzzjonijiet ta' kreditu billi jgħinhom jassorbu telf, waqt li xorta waħda jinżammu s-self lill-ekonomija reali u l-konformità mar-rekwiżiti ta' solvenza. Meta r-riskji ma jimmaterjalizzawx iżda jiġu meqjusin bħala li battew, rilaxx gradwali tar-riżerva jista' jkun aktar xieraq. Jekk awtorità nnominata tnaqqas ir-rata tar-riżerva eżistenti, hija għandha tiddeċiedi dwar perjodu indikattiv li matulu ma tkun mistennija ebda żieda fir-rata tar-riżerva.

5. Prinċipju 5: (Komunikazzjoni) L-awtoritajiet innominati għandhom jiżviluppaw strateġija ċara sabiex jikkomunikaw id-deċiżjonijiet tagħhom dwar ir-riżerva kapitali kontroċiklika. Bħala parti minn din l-istrateġija, huma għandhom jistabbilixxu mekkaniżmu sabiex jikkoordinaw ma' awtoritajiet oħrajn innominati kif ukoll mal-BERS. Huma għandhom jistabbilixxu wkoll proċessi stabbli u trasparenti u kanali ta' komunikazzjoni ddefiniti għall-partijiet ikkonċernati ewlenin u l-pubbliku.

6. Prinċipju 6: (Rikonoxximent tar-rati tar-riżerva) Minbarra l-arranġamenti obbligatorji ta' reċiproċità stipulati bil-liġi tal-Unjoni, l-awtoritajiet innominati għandhom ġeneralment jirrikonoxxu r-rati ta' riżerva kontroċikliċi applikati fi Stati Membri oħrajn. L-awtoritajiet innominati għandhom jikkunsidraw l-implikazzjonijiet transkonfinali jekk ma jirrikonoxxux rata ta' riżerva għal skoperturi għal Stat Membru ieħor li jaqbżu l-livell obbligatorju. Meta ma jirrikonoxxux rata ta' riżerva stipulata mill-awtorità nnominata ta' Stat Membru ieħor li taqbeż il-livell obbligatorju, l-awtoritajiet innominati għandhom jinnotifikaw:

   (a) lill-BERS;

   (b) lill-awtorità nnominata li tiffissa r-rata tar-riżerva;

   (c) il-BĊE, meta ta' mill-inqas waħda mill-awtoritajiet innominati li tiffissa jew ma tirrikonoxxix ir-rata ta' riżerva tkun minn Stat Membru li jipparteċipa fil-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku skont ir-Regolament (UE) Nru 1024/2013.

7. Prinċipju 7: (Strumenti oħrajn makroprudenzjali) Ir-riżerva tal-kapital kontroċiklika hija parti minn ġabra ta' strumenti makroprudenzjali għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet fl-Unjoni. Bħala parti mill-istrateġija tal-politika makroprudenzjali tagħhom, l-awtoritajiet innominati għandhom jikkunsidraw meta għandhom jużaw ir-riżerva b'mod iżolat, meta jużaw strumenti oħrajn tar-riżerva, u meta jikkombinaw ir-riżerva ma' strumenti oħrajn.

**Rakkomandazzjoni B — Gwida dwar il-kejl u l-kalkolu tad-distakk bejn il-kreditu u l-PDG, il-kalkolu tar-rata tar-riżerva ta' referenza u l-gwida tar-riżerva**

1. L-awtoritajiet innominati huma rrakkomandati li jkejlu u jikkalkulaw fuq bażi trimestrali distakk standardizzat bejn il-kreditu u l-PDG skont il-gwida tal-BCBS, kif speċifikat fil-Parti I tal-Anness għal din ir-Rakkomandazzjoni.

2. Meta l-awtoritajiet innominati jidhrilhom li kejl u kalkolu differenti tad-distakk bejn il-kreditu u l-PDG jirriflettu aħjar il-karatteristiċi speċifiċi tal-ekonomija nazzjonali, huma jiġu rrakkomandati li jkejlu u jikkalkolaw fuq bażi trimestrali distakk addizzjonali bejn il-kreditu u l-PDG minbarra d-distakk ikkalkulat skont il-paragrafu 1. Meta jikkalkulaw id-distakk addizzjonali bejn il-kreditu u l-PDG, l-awtoritajiet innominati huma rrakkomandati li jaderixxu mal-gwida li ġejja:

(a) il-metodu għall-kejl u l-kalkolu għandu jirrifletti d-devjazzjoni tal-proporzjon ta' kreditu għal PDG mit-tendenza tiegħu fit-tul;

(b) il-kejl u l-kalkolu għandhom ikunu bbażati fuq analiżi empirika ta' dejta relevanti għall-Istat Membru korrispondenti;

(c) kull reviżjoni tal-metodu għall-kejl u l-kalkolu tad-distakk addizzjonali bejn il-kreditu u l-PDG għandha tkun ibbażata fuq reviżjoni dettaljata tal-prestazzjoni tal-metodu magħżul fis-senjalazzjoni tal-akkumulazzjoni ta' riskji li huma assoċjati mat-tip ta' kriżi li r-riżerva tal-kapital kontroċiklika hija ddisinnjata li ttaffi.

3. L-awtoritajiet innominati huma rrakkomandati li jikkalkulaw fuq bażi trimestrali dawn li ġejjin:

(a) rata ta' referenza tar-riżerva bbażata fuq id-distakk standardizzat bejn il-kreditu u l-PDG skont il-gwida tal-BCBS, kif stipulat fil-Parti II tal-Anness; u, fejn applikabbli; *jew*

(b) rata ta' referenza tar-riżerva bbażata fuq id-distakk standardizzat bejn il-kreditu u l-PDG u kkalkulata skont metodoloġija li hija differenti minn dik stipulata fil-Parti II tal-Anness fejn tintuża dik il-metodoloġija; *jew*

(c) rata ta' referenza tar-riżerva bbażata fuq id-distakk addizzjonali bejn il-kreditu u l-PDG u kkalkulata skont metodoloġija li hija differenti minn dik stipulata fil-Parti II tal-Anness, fejn id-distakk addizzjonali bejn il-kreditu u l-PDG huwa kkalkulat.

4. Meta, minbarra r-rata ta' referenza tar-riżerva stipulata skont il-paragrafu 3(a), tkun ġiet ikkalkulata rata ta' referenza tar-riżerva oħra skont il-paragrafu 3(b) jew il-paragrafu 3(c) għal trimestru partikolari, għall-finijiet tad-Direttiva 2013/36/UE l-awtoritajiet innominati huma rrakkomandati li jagħżlu bħala gwida ta' riżerva r-rata ta' referenza tar-riżerva li tirrifletti bl-aħjar mod il-karatteristiċi speċifiċi tal-ekonomija nazzjonali rispettiva.

5. Bħala parti mill-informazzjoni li takkumpanja t-tħabbir tar-rata tar-riżerva kontroċiklika meħtieġa taħt l-Artikolu 136(7) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-awtoritajiet innominati huma rrakkomandati li jippubblikaw fuq bażi trimestrali fuq il-websajt tagħhom:

(a) id-distakk standardizzat bejn il-kreditu u l-PDG u l-proporzjon korrispondenti ta' kreditu għall-PDG;

(b) id-distakk addizzjonali bejn il-kreditu u l-PDG u l-proporzjon korrispondenti ta' kreditu għal PDG, meta dan ikun ikkalkulat, u ġustifikazzjoni għad-devjazzjonijiet mill-formula fil-Parti I tal-Anness;

(c) ir-rata ta' referenza tar-riżerva ikkalkulata skont il-paragrafu 3(a);

(d) ir-rata ta' referenza tar-riżerva ikkalkulata skont il-paragrafu 3(b) jew il-paragrafu 3(c), fejn applikabbli;

(e) is-sorsi tad-dejta sottostanti u metadejta oħra relevanti.

6. Bħala parti mill-informazzjoni li takkumpanja t-tħabbir tar-rata tar-riżerva kontroċiklika meħtieġa taħt l-Artikolu 136(7) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-awtoritajiet innominati huma rrakkomandati li jispjegaw ir-raġunijiet tagħhom kull meta jiddevjaw minn:

(a) il-kejl u l-kalkolu magħżula tad-distakk bejn il-kreditu u l-PDG kif stipulat fil-paragrafi 1 u 2, inklużi kull wieħed mill-komponenti tiegħu;

(b) il-kalkolu magħżul tar-rata ta' referenza tar-riżerva kif stipulat fil-paragrafu 3;

(c) il-gwida ta' riżerva magħżula kif stipulat fil-paragrafu 4.

**Rakkomandazzjoni C — Gwida dwar varjabbli li jindikaw l-akkumulazzjoni ta' riskju mifrux mas-sistema kollha assoċjat ma' perjodi ta' tkabbir ta' kreditu eċċessiv**

1. Sabiex jinfurmaw il-ġudizzju tagħhom dwar ir-rata xierqa tar-riżerva kontroċiklika, l-awtoritajiet innominati huma rrakkomandati li jikkunsidraw firxa ta' informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva li tindika l-akkumulazzjoni ta' riskju mifrux fis-sistema kollha assoċjat ma' perjodi ta' tkabbir eċċessiv tal-kreditu, minbarra d-distakk bejn il-kreditu u l-PDG.

2. Meta jivvalutaw informazzjoni kwantitattiva, l-awtoritajiet innominati għandhom jimmonitorjaw ġabra ta' varjabbli li jindikaw l-akkumulazzjoni ta' riskju sistemiku ċikliku. Mingħajr ħsara għad-disponibbiltà ta' dawn il-varjabbli fl-Istati Membri, din il-ġabra għandha tinkludi dawn li ġejjin:

   (a) miżuri ta' sovravalutazzjoni potenzjali ta' prezzijiet tal-proprjetà (eż. proporzjonijiet bejn il-prezz u d-dħul minn proprjetà immobbli kummerċjali u residenzjali, distakki fil-prezzijiet u rati ta' tkabbir);

   (b) miżuri ta' żvilupp tal-kreditu (eż. kreditu totali reali jew tkabbir tal-kreditu tal-bank reali, id-devjazzjoni mit-tendenza fta' M3 milquta b'diflazzjoni);

   (c) miżuri ta' żbilanċi esterni (eż. bilanċi tal-kont kurrenti bħala proporzjon mal-PDG);

   (d) miżuri tas-saħħa tal-karti tal-bilanċ tal-bank (eż. proporzjonijiet tal-ingranaġġ);

   (e) miżuri tal-piż tad-dejn tas-settur pubbliku (eż. proporzjonijiet tas-servisjar tad-dejn mal-introjtu);

   (f) miżuri għall-potenzjal li r-riskju jiġi pprezzat b'mod żbaljat (eż. tkabbir reali tal-prezz tal-ekwità).

   (g) miżuri dderivati minn mudelli li jikkombinaw id-distakk bejn il-kreditu u l-PDG u għażla tal-miżuri msemmija hawn fuq.

3. Jekk dawn il-varjabbli jkunu disponibbli u relevanti fl-Istati Membri, l-awtoritajiet innominati huma rrakkomandati li jippubblikaw ta' mill-inqas waħda mill-miżuri stipulati f'kull wieħed mill-paragrafi 2 (a), (b), (c), (d), (e) u (f) fuq bażi trimestrali fuq il-websajt tagħhom sabiex jakkumpanjaw it-tħabbir tar-rata tar-riżerva kontroċiklika meħtieġa taħt l-Artikolu 136(7) tad-Direttiva 2013/36/UE.

**Rakkomandazzjoni D — Gwida dwar varjabbli li jindikaw li r-riżerva ta' kapital għandha tinżamm, titnaqqas jew tiġi rilaxxata totalment.**

1. Sabiex jinfurmaw il-ġudizzju tagħhom dwar ir-rata xierqa tar-riżerva tal-kapital kontroċiklika, l-awtoritajiet innominati huma rrakkomandati li jqisu firxa ta' informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva li tindika li r-riżerva għandha tinżamm, titnaqqas jew tiġi rilaxxata totalment.

2. Meta jivvalutaw informazzjoni kwantitattiva, l-awtoritajiet innominati għandhom jimmonitorjaw ġabra ta' varjabbli li jindikaw jekk ir-riżerva għandhiex tinżamm, titnaqqas jew tiġi rilaxxata totalment. Jekk dawk il-varjabbli jkunu disponibbli fl-Istat Membru, din il-ġabra għandha tinkludi dawn li ġejjin:

   (a) miżuri ta' stress fi swieq ta' finanzjament tal-banek (eż. il-firxa tal-LIBOR-OIS (overnight index swaps), primja tas-CDS (credit default swap) tal-banek);

   (b) miżuri li jindikaw stress sistemiku ġenerali (eż. indikatur kompost li jkejjel l-istress fis-sistema finanzjarja nazzjonali jew tal-UE bħall-indikatur CISS (Composite Indicator of Systemic Stress) tal-BĊE).

3. Sabiex jiddeċiedu jekk iżommux, inaqqsux jew jirrilaxxawx bis-sħiħ ir-riżerva, l-awtoritajiet innominati huma rrakkomandati li jeżerċitaw ġudizzju akbar meta jimmonitorjaw il-varjabbli taħt il-paragrafu 2.

4. Jekk dawn il-varjabbli jkunu disponibbli u relevanti fl-Istati Membri, l-awtoritajiet innominati huma rrakkomandati li jippubblikaw ta' mill-inqas waħda mill-varjabbli stipulati f'kull wieħed mill-paragrafi 2 (a) u (b) fuq bażi trimestrali fuq il-websajt tagħhom sabiex jakkumpanjaw it-tħabbir tar-rata tar-riżerva kontroċiklika meħtieġa taħt l-Artikolu 136(7) tad-Direttiva 2013/36/UE.

TAQSIMA 2

## IMPLIMENTAZZJONI

### 1. Interpretazzjoni

1. Għall-finijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "awtorità nnominata" tfisser awtorità pubblika jew korp innominat minn Stat Membru skont l-Artikolu 136(1) tad-Direttiva 2013/36/UE jew il-BĊE skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013;

(b) "rata ta' referenza tar-riżerva" tfisser rata tar-riżerva kontroċiklika, ikkalkulata skont ir-rakkomandazzjoni B(3);

(c) "gwida għar-riżerva" tfisser rata ta' referenza tar-riżerva, magħżula skont ir-rakkomandazzjoni B(4);

(d) "distakk bejn il-kreditu u l-PDG" tfisser id-devjazzjoni tal-proporzjoni bejn il-kreditu u l-PDG mit-tendenza tiegħu fit-tul fi Stat Membru partikolari;

(e) "distakk standardizzat bejn il-kreditu u l-PDG" tfisser distakk bejn il-kreditu u l-PDG imkejjel u kkalkulat skont ir-rakkomandazzjoni B(1);

(f) "distakk addizzjonali bejn il-kreditu u l-PDG" tfisser distakk bejn il-kreditu u l-PDG imkejjel u kkalkulat skont ir-rakkomandazzjoni B(2);

(g) "rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika" tfisser ir-rata li l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw sabiex jikkalkolaw ir-riżerva ta' kapital kontroċiklika speċifika għall-istituzzjoni tagħhom, u li tiġi stabbilita skont l-Artikoli 136 u 137 tad-Direttiva 2013/36/UE jew minn awtorità rilevanti ta' pajjiż terz, skont il-każ.

2. L-Anness jifforma parti integrali ta' dan ir-Rakkomandazzjoni. F'każ ta' kunflitt bejn it-test ewlieni u l-Anness, jipprevali t-test ewlieni.

### 2. Kriterji għall-implimentazzjoni

1. Id-destinatarji huma mitluba jirrapportaw dwar l-azzjonijiet meħuda b'risposta għal din ir-Rakkomandazzjoni, jew li jiġġustifikaw b'mod adegwat kwalunkwe nuqqas ta' azzjoni. Bħala minimu r-rapporti għandhom jinkludu:

(a) informazzjoni dwar is-sustanza u l-kronoloġija tal-azzjonijiet meħuda;

(b) evalwazzjoni tal-funzjonament tal-azzjonijiet meħuda, mill-perspettiva tal-għanijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni;

(c) ġustifikazzjoni dettaljata ta' kull nuqqas ta' azzjoni jew devjazzjoni minn din ir-Rakkomandazzjoni, inkluż kull dewmien.

### 3. Skeda ta' żmien għas-segwitu

1. Id-destinatarji huma mitluba li jirrapportaw lill-BERS, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar l-azzjonijiet li huma jkunu ħadu b'risposta għal din ir-Rakkomandazzjoni, jew li jiġġustifikaw b'mod adegwat kwalunkwe nuqqas ta' azzjoni, kif speċifikat fil-paragrafi li ġejjin.

2. Sat-30 ta' Ġunju 2016, id-destinatarji huma mitluba li jibagħtu lill-BERS, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni rapport li jispjega l-miżuri li jkunu ħadu sabiex jikkonformaw ma' din ir-Rakkomandazzjoni. Il-miżuri rrakkomandati għandhom japplikaw mid-data sa meta l-Istati Membri jeħtieġu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu fil-ġurisdizzjoni tagħhom iżommu riżerva ta' kapital kontroċiklika speċifika għall-istituzzjoni skont l-Artikolu 130 tad-Direttiva 2013/36/UE. Ir-rapport għandu jinkludi dettalji dwar il-miżuri meħuda minn dik id-data 'il quddiem.

3. Id-destinatarji huma mitluba jibagħtu rapport li jispjega l-miżuri li jkunu ħadu biex jikkonformaw ma' din ir-Rakkomandazzjoni kull tliet snin.

4. Il-Bord Ġenerali għandu jiddeċiedi meta din ir-Rakkomandazzjoni teħtieġ li tiġi rriveduta jew aġġornata fid-dawl ta' esperjenza fl-iffissar ta' riżervi skont id-Direttiva 2013/36/UE jew żviluppi fi prattiki miftiehma internazzjonalment.

4. **Monitoraġġ u evalwazzjoni**

1. Is-Segretarjat tal-BERS:

(a) jassisti lid-destinatarji, inkluż billi jiffaċilita r-rapportaġġ ikkoordinat, jipprovdi mudelli relevanti u jippreċiża fejn ikun meħtieġ il-modalitajiet u l-kronoloġija għas-segwitu;

(b) jivverifika s-segwitu mid-destinatarji, inkluż billi jassistihom fuq talba tagħhom, u jirrapporta dwar is-segwitu lill-Bord Ġenerali permezz tal-Kumitat ta' Tmexxija.

2. Il-Bord Ġenerali jivvaluta l-azzjonijiet u l-ġustifikazzjonijiet irrapportati mid-destinatarji u, fejn xieraq, jiddeċiedi jekk din ir-Rakkomandazzjoni tkunx ġiet segwita u jekk id-destinatarji jkunux naqsu milli jiġġustifikaw b'mod adegwat in-nuqqas ta' azzjoni min-naħa tagħhom.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-18 ta' Ġunju 2014.

*Il-President tal-BERS*

Mario DRAGHI

*ANNESS*

## PARTI I

### METODOLOĠIJA GĦALL-KEJL U L-KALKOLU TAL-GAP BEJN IL-KREDITU U L-PDG SKONT IL-GWIDA TAL-BCBS

Id-distakk standardizzat bejn il-kreditu u l-PDG, iddenotat bħala $GAP_t$, jitkejjel u jiġi kkalkulat bħala:

$GAP_t = RATIO_t - TREND_t$

fejn:

| | | |
|---|---|---|
| $t$ | = | id-data tat-tmiem tal-perijodu, fejn il-perijodu jkun trimestru; |
| $RATIO_t$ | = | $(CREDIT_t / (PDG_t + PDG_{t-1} + PDG_{t-2} + PDG_{t-3})) \times 100\,\%$; |
| $PDG_t$ | = | prodott domestiku gross tal-Istat Membru tal-awtorità nnominata fit-trimestru *t*; |
| $CREDIT_t$ | = | kejl wiesa' tal-istokk ta' kreditu lis-settur privat mhux finanzjarju fl-Istat Membru tal-awtorità nnominata li jkun pendenti fit-tmiem tat-trimestru *t*; |
| $TREND_t$ | = | xejra ffiltrata rikursiva Hodrick-Prescott tar-RATIO b'parametru tal-illixxar, lambda ta' 400 000 (*). |

(*) Il-filtru Hodrick-Prescott (filtru HP) huwa għodda matematika standard li tintuża fil-makroekonomija sabiex tiġi stabbilita x-xejra ta' varjabbli fuq medda ta' żmien. Dan jiġi implimentat fi kwalunkwe pakkett standard statistiku. Filtru HP b'naħa waħda u rikursiv jiżgura li għall-kalkolu tat-tendenza tintuża biss informazzjoni disponibbli f'kull punt fil-ħin. Il-parametru tal-illixxar, ġeneralment imsejjaħ lambda fil-litteratura teknika, huwa ffissat għal 400 000 sabiex jaqbad ix-xejra fit-tul fl-imġiba tal-proporzjoni bejn il-kreditu u l-PDG.

## PARTI II

### METODOLOĠIJA GĦALL-KALKOLU TAR-RATA TA' REFERENZA TAR-RIŻERVA SKONT IL-GWIDA TAL-BCBS (*)

Id-daqs tar-rata ta' referenza tar-riżerva (bħala perċentwal tal-assi ppeżati skont ir-riskju) huwa żero meta d-distakk bejn il-kreditu u l-PDG ikun inqas jew daqs il-livell minimu l-aktar baxx. Imbagħad jiżdied b'mod lineari mad-distakk bejn il-kreditu u l-PDG sakemm ir-rata ta' referenza tar-riżerva tilħaq il-livell massimu tagħha meta d-distakk bejn il-kreditu u l-PDG jilħaq jew jaqbeż l-ogħla livell minimu.

F'termini formali:

jekk $GAP_t \leq L$, ir-rata ta' referenza tar-riżerva hija żero,

jekk $GAP_t \leq H$, ir-rata ta' referenza tar-riżerva hija 2,5 %,

bejn *L* u *H* ir-rata ta' referenza tar-riżerva hija interpolata b'mod lineari u hija daqs: $(0{,}3125 \times GAP_t - 0{,}625)$

fejn:

$GAP_t$ huwa d-distakk bejn il-kreditu u l-PDG iddefinit fl-Anness Parti I;

$L$ = 2 punti perċentwali huwa l-livell minimu l-aktar baxx;

$H$ = 10 punti perċentwali huwa l-ogħla livell minimu.

(*) Waqt li r-rati ta' referenza tar-riżerva jiżdiedu b'mod lineari skont il-PDG u b'hekk jistgħu jieħdu kull valur bejn żero u 2,5 %, l-Artikolu 136(4) tad-Direttiva 2013/36/UE jispeċifika li r-rata ta' riżerva stabbilita mill-awtorità nnominata għandha tkun ikkalibrata f'passi ta' 0,25 punt perċentwali jew multipli tagħhom.

II

*(Komunikazzjonijiet)*

## KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Każ M.7331 — Constellium / Tri-Arrows Aluminum Holding / Quiver Ventures)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2014/C 293/02)

Fis-26 ta' Awwissu 2014, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32014M7331. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

---

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Rata tal-kambju tal-euro [1]

## L-1 ta' Settembru 2014

(2014/C 293/03)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,3133 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,4266 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 136,97 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 10,1783 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4494 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,5660 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,79025 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,6404 |
| SEK | Krona Żvediża | 9,1921 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 330,20 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,2072 | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 14,0027 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 8,0679 |
| NOK | Krona Norveġiża | 8,1330 | HRK | Kuna Kroata | 7,6135 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 15 390,36 |
| CZK | Krona Ċeka | 27,738 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,1495 |
| HUF | Forint Ungeriż | 314,25 | PHP | Peso Filippin | 57,115 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | RUB | Rouble Russu | 48,9815 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,2082 | THB | Baht Tajlandiż | 41,993 |
| RON | Leu Rumen | 4,3960 | BRL | Real Brażiljan | 2,9375 |
| TRY | Lira Turka | 2,8367 | MXN | Peso Messikan | 17,1822 |
| AUD | Dollaru Awstraljan | 1,4059 | INR | Rupi Indjan | 79,5006 |

[1] *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

V

*(Avviżi)*

## PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

# IL-PARLAMENT EWROPEW

### SEJĦA GĦAN-NOMINAZZJONIJIET GĦALL-ELEZZJONI TAL-OMBUDSMAN EWROPEW

(2014/C 293/04)

Wara li kkunsidra l-Artikoli 24 u 228 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidra r-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-qadi tad-dmirijiet tal-Ombudsman adottati mill-Parlament Ewropew fid-9 ta' Marzu 1994 ([1]) u, b'mod partikulari, l-Artikolu 6 u l-Artikolu 7 tagħhom, li jinsabu fl-Anness X għar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 219 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew,

Billi din l-elezzjoni tal-Ombudsman Ewropew mill-Parlament Ewropew se tkun għat-terminu tal-leġislatura parlamentari 2014-2019,

Billi l-Ombudsman Ewropew hu eliġibbli għal ħatra mill-ġdid,

Billi l-Ombudsman Ewropew jintgħażel minn fost persuni li huma ċittadini tal-Unjoni, li għandhom id-drittijiet ċivili u politiċi kollha, li joffru kull garanzija ta' indipendenza u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti għat-twettiq tal-ogħla kariga ġudizzjarja fil-pajjiż jew li jkollhom il-kompetenza u l-esperjenza rikonoxxuti biex iwettqu d-dmirijiet tal-Ombudsman,

1. Qed issir sejħa għan-nominazzjonijiet għall-elezzjoni ta' Ombudsman Ewropew mill-Parlament Ewropew.

2. In-nominazzjonijiet għandu jkollhom l-appoġġ ta' mhux inqas minn erbgħin Membru tal-Parlament Ewropew li jkollhom in-nazzjonalita' ta' mhux inqas minn żewġ Stati Membri u jridu jipprovdu d-dokumenti kollha ta' prova meħtieġa sabiex juru b' mod ċert li li l-persuni nominati jissodisfaw il-kundizzjonijiet mitluba mir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-qadi tad-dmirijiet tal-Ombudsman kif ukoll impenn solenni min-naħa tagħhom li, jekk jiġu eletti, ma jinvolvu ruħhom fl-ebda okkupazzjoni professjonali oħra, kemm jekk bi ħlas kif ukoll jekk bla ħlas, waqt iż-żmien tagħhom fil-kariga.

3. In-nominazzjonijiet iridu jintbagħtu lill-President tal-Parlament Ewropew sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2014 ([2]).

M. SCHULZ

*President tal-Parlament Ewropew*

---

([1]) ĠU L 113, 4.5.1994, p. 15.

([2]) In-nominazzjonijiet għandhom jintbagħtu lil:
Il-President tal-Parlament Ewropew
(Nominazzjonijiet għall-kariga ta' Ombudsman Ewropew)
PHS 06A055
Indirizz postali:
Louise Weiss Building
Allée du Printemps
BP 1024/F
F-67070 Strasbourg Cedex
FRANCE
jew
Paul-Henri Spaak Building
Rue Wiertz/Wiertzstraat
1047 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
In-nominazzjonijiet għandhom jiddikjaraw dettalji ta' kuntatt rilevanti, inkluż indirizz elettroniku.

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

**(Il-Każ M.7299 — COFCO/Nidera)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2014/C 293/05)

1. sFil-25 ta' Awwissu 2014, il-Kummissjoni Ewropea rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1] li permezz tagħha l-impriża COFCO Corporation ("COFCO", iċ-Ċina) takkwista skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, kontroll uniku ta' Nidera Capital BV ("Nidera", il-Pajjiżi l-Baxxi), permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal COFCO: fornitur kbir ta' prodotti u servizzi diversifikati fil-prodotti agrikoli u l-industrija tal-ikel fiċ-Ċina,

— għal Nidera: oriġinazzjoni, ipproċessar, bejgħ, kummerċ, ġestjoni, ħżin u trasport ta' komoditajiet agrikoli u prodotti tal-bijo-enerġija. Barra minn hekk, Nidera tiddistribwixxi inputs agrikoli (żrieragħ, nutrijenti u l-ħarsien tal-uċuħ tar-raba'), tinvesti fir-riċerka ul-iżvilupp u tipproduċi żrieragħ agronomiċi.

3. Wara analiżi preliminari, il-Kummissjoni Ewropea tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont in-Notifika tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [2] ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għall-ipproċessar skont il-proċedura stipulata fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni Ewropea tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex jissottomettu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni Ewropea.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni Ewropea mhux aktar tard minn għaxart ijiem mid-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni Ewropea permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-e-Mail lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza M.7299 — COFCO/Nidera, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition,
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

---

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
[2] ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.7371 — Nordic Capital/Lindorff)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2014/C 293/06)

1. Fis-26 ta' Awwissu 2014, il-Kummissjoni Ewropea rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1] li permezz tagħha l-impriża Nordic Capital VII Limited ("Nordic Capital", Jersey) takkwista skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll uniku tal-impriżi Indif AB, Lindorff Institutional Management AB, Lindorff Coinvest AB u Lindorff AB (flimkien "Lindorff Group", l-Isvezja) permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Nordic Capital: fond ta' ekwità privat b'investimenti f'varjetà ta' setturi,

— Lindorff Group: provvista ta' servizzi ta' fatturament.

3. Wara analiżi preliminari, il-Kummissjoni Ewropea tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont in-Notifika tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar l-Għaqdiet [2] ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għall-ipproċessar skont il-proċedura stipulata fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni Ewropea tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex jissottomettu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni Ewropea.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni Ewropea mhux aktar tard minn għaxart ijiem mid-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni Ewropea permezz tal-faks (+32 22964301) jew permezz tal-e-Mail lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza M.7371 — Nordic Capital/Lindorff, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

(1) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
(2) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.7351 — Henkel / Spotless Group)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2014/C 293/07)

1. Fil-25 ta' Awwissu 2014, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriża Henkel AG & Co. KGaA, ("Henkel", il-Ġermanja) takkwista fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll uniku ta' Spotless Group SAS ("Spotless", Franza) permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Henkel: il-produzzjoni u l-forniment ta' prodotti tal-laundry u ta' kura fid-dar b'iffukar fuq id-diterġenti għall-ħwejjeġ, ir-rattaba tad-drapp u ċerti prodotti għat-tindif tad-dar, il-produzzjoni u l-provvista ta' prodotti għall-kura tas-sbuħija u prodotti tat-teknoloġiji tal-adeżivi,

— għal Spotless: manifattura ta' addittivi għall-ħasil tal-ħwejjeġ, prodotti għall-kura tad-dar u l-kura taż-żraben, insettiċidi, prodotti għat-tindif tal-lentijiet tal-ħġieġ, tank settiku tal-kura kif ukoll prodotti għall-kura tal-pjanti u l-annimali domestiċi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza M.7351 — Henkel / Spotless Group, fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

# Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

**(Il-Każ M.7386 — KKR / Riverstone / Trinity)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2014/C 293/08)

1. Fis-26 ta' Awwissu 2014, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1] li permezz tagħha KKR & Co. L.P. ("KKR", l-Istati Uniti tal-Amerika) u Riverstone Holdings LLC ("Riverstone", l-Istati Uniti tal-Amerika), jakkwistaw fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' Trinity River Energy LLC ("Trinity", l-Istati Uniti tal-Amerika) permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija ġdida li tikkostitwixxi f'joint venture. Trinity se tikkonsisti f'taħlita ta' assi eżistenti miżmuma minn KKR Natural Resources Funds ("KNR", l-Istati Uniti tal-Amerika), li hija kkontrollata minn KKR, u l-assi eżistenti miżmuma Legend Production Holdings LLC ("Legend", l-Istati Uniti tal-Amerika), li hija kkontrollata minn Riverstone.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— KKR hija attiva fil-forniment ta' firxa wiesgħa ta' servizzi ta' ġestjoni ta' assi.

— KNR hija pjattaforma ta' investiment ta' KKR ddedikata biex tinvesti f'assi ta' żejt u gass mhux konvenzjonali.

— Riverstone hija ditta ta' ekwità privata li tiffoka fuq l-investimenti marbuta mal-enerġija.

— Legend hija attiva fl-akkwist u l-iżvilupp ta' proprjetajiet taż-żejt u l-gass naturali b'ħajja twila primarjament fil-baċiri madwar Texas.

— Trinity se żżomm l-assi kkombinati u l-attivitajiet tan-negozju ta' KNR u Legend.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [2] ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301) permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza M.7386 — KKR / Riverstone / Trinity, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

---

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
[2] ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT